# Clare Azzopardi – Xahar ta' Kitba f'Riga

4 ta' Awwissu – 3 ta' Settembru 2006



Hemm din id-dar fil-kantuniera li għal żmien twil kienet il-*head quarters* tal-KGB u li fiha ġew interrogati ħafna nies u fiha ħafna nies ġew ittorturati u maqtula. Hemm din id-dar fil-kantuniera bejn *Stabu Iela* u *Brivibas Iela* li llum hija l-għassa tal-pulizija u fadal biss mounment wieħed li jfakkar dak li ġara bejn l-1940 u l-1941 u bejn l-1944 u l-1991. Dan biss kont naf qabel ma mort Riga. U forsi xi ftit affarijiet oħra wkoll. Imma mort b'moħħi jaħseb fuq din id-dar tal-kantuniera. Ma nafx x'immaġinajt. Ma nafx xi ħsibt li kont se nagħmel. Kont naf li rrid immur hemm biex nikteb, u ma nafx jekk ħsibtx li se mmur infittex fl-arkivji tal-KGB u nsir naf dak li ħadd għadu ma jaf. Belha!




U allura għamilt ġimagħtejn sħaħ u forsi anki iktar, immur għand id-Double Coffee, amerikanata bestjali li tqażżek, fejn il-kafè jagħtuhulek f'barmil flok f'kikkra, inħares lejn id-dar u lejn in-nies deħlin u ħerġin l-għassa, lejn il-puluzija bl-ixkubetta jippassiġġa quddiem il-mounument, lejn in-nies ipoġġu l-fjuri, filwaqt li nixrob mill-barmil tal-kafè ħażin u ndaħħan. Sigarett wara ieħor. Pakkett sigaretti l-Latvja 60 sintimu ... xi 35ċ. U nikteb vers. Sigarett. U forsi nikteb tnejn oħra. Sigarett u ngħid bejni u bejn ruħi, *X'qed nipprova nagħmel hawn? Inħares lejn id-dar tal-kantuniera u nara nistax inxomm ir-riħa ta' dawk kollha li mietu hemm ġew?*



Imbagħad insir naf lil Jānis Elsbergs. Kittieb, u studjuż u poeta. Ex-alkoħoliku li jiddeċiedi jgħidli ħafna affarijet minn ħajtu għax hija parti mit-terapija tiegħu. U forsi għandi nżommhom biss għalija. Filfatt hekk se nagħmel. Imma forsi mill-ħafna stejjer, kurżitajiet u atroċitajiet li Jānis irrakkuntali, xi ħaġa nista' nniżżel hawn. Pereżempju Jānis qalli li taħt l-okkupazzjoni Sovjetika din id-dar tal-kantuniera kienet biss *waħda* mill-ħafna djar li fihom kienu jieħdu n-nies biex jinterrogawhom u min jaf x'kien isir minnhom. Mhux hi biss kienet isservi bħala l-*head quarters* tagħhom. Imma ħafna bini ieħor kien iservi għall-istess raġuni. U allura aħna u mexjin fit-toroq taċ-ċentru ta' Riga, Jānis jipponta lejn bini u jgħidli, *ara Clare, hawnhekk kienu interrogaw lil missieri ... ara Clare, dal-bini wieħed minn dawk. Qatt ma konna nkunu nafu x'qed jiġri hawn ġew. Dak il-bini wkoll.* U jien ma stajt ngħid xejn ħlief nieħu sigarett. U triq wara triq, bini ħdejn ieħor sirt naf li bħad-dar tal-kantuniera fi Stabu Iela, kien hemm ħafna iktar ... ħafna u ħafna iktar. U Jānis jispjegali kif l-ispiji kienu jkunu kullimkien. Kif kull pass li kien jagħmel, kulħadd kien ikun jaf. Kif anki

jekk tqabbad sigarett u tgħid kelma ma' xi ħadd, tista' tiġi ssuspettat u l-għada jsejħulek ħalli jinterrogawk.

Riga.

Għal ħafna snin maħkuma mill-Ġermaniżi, imbagħad tiġġieled u ġġib l-indipendenza fl-1918 u mbagħad tinħataf mill-Ex-Unjoni Sovjetika għax għandha port f'post strateġiku li jservi ta' passaġġ faċli għall-Ewropa tal-Punent, imbagħad terġa' taqa' taħt il-Ġermaniżi fit-tieni gwerra dinjija u tispiċċa *salvata* mill-Unjoni Sovjetika għal darb'oħra ... u tibqa' okkupata sa l-1991. U ngħid bejni u bejn ruħi, *tgħid jekk ngħidilhom li Malta kellha passat simili jemmnuni?* Imma ma niftaħx ħalqi fuq Malta. Fuq Malta ħadd ma jaf xejn ħlief li fl-aħħar Eurovision ġejna l-aħħar u tawna punt l-Albaniżi. *Min jaf għaliex?* Dak biss li staqsewni l-Latvjani u allura ma ġietni qatt il-ħajra ngħidilhom xi ħaġa fuq din il-gżira li donnha ma tinteressa lil ħadd iktar. Sigarett jagħmel tajjeb f'mumenti vera diffiċli u imbarazzanti.





Din l-esperjenza kienet bla dubju waħda unika. Immaġina, tiġi magħżula biex tmur f'post għal xahar sħiħ ħalli tikteb ... Ħalli ddur il-post, tiltaqa' man-nies u tikteb. U allura kont inqum kull filgħodu fis-sitta u nofs u nikteb sa xid-disgħa u nofs u mbagħad għal ħafna jiem ħadtha drawwa mmur nieħu kafè quddiem id-dar tal-kantuniera u mbagħad indur fit-toroq qalb il-bini sabiħ ta' Eisenstein u l-bini modern forma ta' kaxxa kollu ħġieġ u mirja. U nara r-riflessjoni tal-bini l-qadim f'dak modern. Nisma' l-mużika Latvjana, naqra l-letteratura Latvjana u nipprova nintegra ma' din il-kultura totalment differenti minn dik Maltija. Meta ma tkunx taf il-lingwa mhux daqshekk faċli tħossok parti mill-komunità, imma l-Latvjani minn tagħna, u ħafna minnhom iġaħġħuha bil-Ġermaniż jew bl-Ingliż.



Riga bi ħdana miftuħa għall-estremitajiet. Fejn fiha tara l-iktar nies sinjuri li kull filgħodu għax-xogħol joħorġu bl-iktar ilbies pulit u ta' l-aqwa *designer*, b'xagħarhom issetjat, b'difrejhom miżbuha ... u malli ddur mal-kantuniera ssib it-tallaba li m'għandhomx għaxja ta' lejla. Il-bini lussuż bi stil Art Nouveau jaqbel man-nisa u l-irġiel twal u sbieħ. Imma dan qiegħed biss fil-parti l-qadima u fiċ-ċentru. Malli toħroġ ftit 'il barra miċ-

ċentru ssib ma’ wiċċek id-djar ta’ l-injam mitluqa, il-klieb jinbħu u jiġru mas-saqajn, is-subien jilagħbu bil-ktajjen u jaraw minn fejn se jdabbru sigarett fil-ghetto Russu jew fil-ghetto tal-Lhud. U meta Riga ħallietni bla kliem, kont nintefa’ ħdejn ix-xmara Daugava, li bħali kienet tibqa’ dejjem siekta.



Fix-xahar li għamilt Riga rnexxieli nsir naf ħafna kittieba u poeti u artisti, ktibt sett ta’ stejjer għat-tfal u bħalissa qed norqom l-istorja għall-kbar. Grazzi għal-LAF, Inizjamed u l-Malta Arts Council, din l-esperjenza setgħet isseħħ u naħseb li jiena, illum il-ġurnata, kittieba differenti minn dik ta’ xahar ilu.

Clare Azzopardi